**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 24 ta' Settembru, 2015**

**Il-Pulizija**

**Spettur Silvio Magro**

**vs**

**Christian Borg**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Christian Borg detentur tal-karta tal-identita' numru 315493M, akkuzat talli fit 23 ta' April 2014 u jiem ta' qabel din id-data, kemm fil-konfini ta' l-Ajruport ta' Malta kif ukoll fi bnadi ohra gewwa l-Gzejjer ta' Malta ,b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti,li kienu kisru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u kienu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Bhala persuna responsabbli minn vetturi tal-kiri, fi żminijiet differenti, kiser l-istess disposizzjoni tal-liġi, u kienu gew magħmula b' rizoluzzjoni waħda.

2. Bhala persuna responsabbli minn vetturi tal-kiri ippermetta li jsir tibdil ta' pjanci tar-registrazzjoni minn fuq vettura ghall-ohra.

3. Bhala persuna responsabbli minn vettura tal-kiri KQZ576 tal marka Peugeot bajda halla li tinkera u tinstaq minghajr pjanca tar-registrazzjoni (ta' wara).

4. Bhala persuna responsabbli minn vettura tal-kiri KQZ576 tal-marka Peugeot 308 ma ghamilx uzu min-numru tar-registrazzjoni u l-ittra distintiva li giet moghtija lilu mill-Awtorità u ghamel uzu minn numru iehor (AQZ758 Peugeot 107).

5. Bhala persuna responsabbli minn vettura tal-kiri (numru mhux maghruf) tal-marka Peugeot Partner m' ghamilx uzu min-numru tar-registrazzjoni u l-ittra distintiva li giet moghtija lilu mill-Awtorità u ghamilt uzu minn numru iehor (GQZ604 Suzuki Alto).

6. Bhala persuna responsabbli minn vettura tal-kiri KQZ576 tal marka Peugeot bajda halla li jkun imwahhal bi pjanci fuq il-vettura, jew b' xi mod ma halliex lil xi hadd (Gwardjan Lokali) jiehu notament ta' dak in-numru moghti mill-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta.

7. Sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih iniffsu jew ghal haddiehor, f’ xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz billi wahhal numri tar-registrazzjoni GQZ604 u AQZ758 fuq vetturi tal-marki Peugeot liema numri jappartjenu vetturi ohra ta’ ghamla Suzuki Alto u Peugeot rispettivament.

8. Ippermetta l-uzu ta’ vettura bin-numru ta’ identifikazzjoni xort’ ohra minn dak moghti mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita dwar it-Trasport ta’ Malta dwar xi vettura bil-mutur partikolari, cioe ippermettejt l-uzu ta’ pjanci bin-numri tar-registrazzjoni originali AQZ758 ta’ vettura Peugeot 107 Blue, fuq il-vettura ta’ ghamla Peugeot 208 bajda li kien qed isuq, Beligni Alessandro.

9. Ippermetta l-uzu ta’ vettura bin-numru ta’ identifikazzjoni xort’ ohra minn dak moghti mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita dwar it-Trasport ta’ Malta dwar xi vettura bil-mutur partikolari, cioe ippermetta l-uzu ta’ pjanci bin-numri tar-registrazzjoni originali GQZ604 ta’ vettura Suzuki Alto, fuq il-vettura ta’ ghamla Peugeot Partner bajda li kien qed isuq, Emanuel Fenech (ID586669M).

10. Bhala persuna responsabbli minn vettura tal-kiri ippermetta li fuq vettura AQZ758/KQZ576 ma kelliex diska tal-licenzja imwahhla fuq in-naha tax-xellug tal-windscreen b’mod li tkun tidher minn quddiem.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 25 t' April, 2014 (esebit a fol. 18 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Ikkunsidrat

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fit-23 ta' April 2014 il-Gwardjan Lokali G677 Joseph Sghendo waqt li kien fi Triq is-Sejba, l-Imqabba waqqaf vettura Peugeot 308 ta' kulur abjad li kellha pjanca bin-numru tar-registrazzjoni AQZ 758 li kienet misjuqa minn persuna ta' nazzjonalita' Taljana Allessandro Beligni minhabba li kien qed jaghmel manuvra illegali bl-istess vettura u meta gie mwaqqaf gie nnutat li kien hemm pjanca wahda biss imwahhla fuq il-vettura. Irrizulta li din il-vettura tal-ghamla Peugeot ta' lewn abjad kellha numru ta' registrazzjoni ta' vettura ohra minflok dik li kienet registrata. Illi din il-vettura kellha numru ta' registrazzjoni AQZ 758 li huma registrati fuq vettura tal-ghamla Peugeot 107 tal-ghamla blu. Illi mill-kuntratt esebiti a fol 6 jidher li l-kumpanija Green Motion kriet vettura tal-ghamla Peugeot 107 blu izda minflok n-numri tar-registrazzjoni ta' din il-vettura kienu fuq vettura Peugeot 308 ta' kulur abjad. Illi fl-istqarrija rilaxxjata mill-imputat u nserita a fol. 12 et sequitur tal-atti processwali l-imputat li huwa azzjonist

ta' Green Motion jew Gold Car u jiehu hsieb il-bookings qal li l-ewwel darba li sar jaf li kien hemm dawn il-pjanci imwahhlin fuq il-vettura zbaljata kien meta cemplulu l-Pulizija u qallhom sabiex ix-xufier jittiehed l-ufficini tal-kumpanija tal-Ajruport. Huwa qal li ma kienx jaf li l-vetturi kellhom in-numri mibdulin u dwar in-number plate nieqes qal li dan seta' waqa'. Dakinhar stess fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta il-Pulizija raw vettura tal-ghamla Peugeot Partner ipparkjata fil-parkegg tal-karozzi tal-kiri li kellha pjanci bin-numru GQZ 604 izda dawn il-pjanci kienu registrati fuq vettura ohra tal-marka Suzuki Alto li hija registrata f' isem certu Abraham Bezzina u mhux fuq l-imputat Christian Borg. Illi meta l-Pulizija regghu marru fejn kienet din il-vettura instab li l-vettura ttiehdet minn fuq il-post u wara rrizulta li kien certu Manuel Fenech li mexxa din il-vettura minhabba li kien gie ordnat jaghmel hekk mill-imputat Christian Borg. Fl-istqarrija l-imputat qal li kien jaf li kellu vettura Peugeot Partner li kellha l-pjanci ta' -Suzuki Alto minhabba li din tal-ahhar kienet mahbuta u li kien huwa stess li wahhal dawn il-pjanci fuq il-Peugeot Partner.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami akkurat tal-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f' dan il-kaz ma jirrizultax li l-istess Prosekuzzjoni gabet il-prova sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat Christian Borg kera l-vettura lill-Allessandro Beligni minghajr il-pjanca ta' wara u cioe' bin-numru tar-registrazzjoni ta' wara nieqes. Lanqas ma' ma ngabet l-aqwa prova f' dan il-kaz, u cioe' Alessandro Beligni sabiex jispjega kif fil-fatt ha vettura totalment differenti minn dik li huwa ffirma ghaliha u sabiex jaghti spjegazzjoni il-ghala l-vettura minnu misjuqa kellha numru tar-registrazzjoni ta' wara nieqes. Illi fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti ma tistax tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat

halla tinkera u tinstaq vettura bil-pjanca ta' wara nieqsa u ghalhekk huwa ma jistax jinstab hati tal-imputazzjoni mmarkata bhala (3).

Il-Qorti inoltre setghat tinnota li skond id-dokumenti esebiti minn Stephen Cachia r-rapprezentant ta' Transport Malta, il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KQZ 576 hija tal-ghamla Peugeot 208 u mhux 308 (a fol 39). L-akkuza numru erba' (4) tindika li din il-vettura hija tal-ghamla 308 u mhux 208. Anki l-warden (a fol 44) li ghamel ir-rapport indika li l-vettura mwaqqfa kienet Peugeot 308 u mhux 208. Il-vettura Peugeot 208 bin-numru tar-registrazzjoni KQZ 576 hija ghalhekk totalment differenti minn dik citata fl-imputazzjoni mmarkata bhala 4. Ghalhekk ma jistax jinghad li dawn in-numri ta' registrazzjoni kienu mwahhla fuq il-Peugeot 308 skond l-imputazzjoni u jsegwi li l-imputat ma jistax jinstab hati tal-imputazzjoni mmarkata bhala 4.

Illi kif diga' ntqal aktar il-fuq fil-korp ta' din is-sentenza fl-istqarrija minnu rilaxxjata l-imputat qal li kien jaf li certi vetturi li jaqghu taht ir-responsabilita' tieghu kellhom in-numru tar-registrazzjoni taghhom mibdula u mpoggija fuq vetturi ohrajn. Huwa ammetta li kien ta ordni sabiex il-pjanci GQZ 604 tal-vettura tal-ghamla Suzuki Alto li kienet mahbuta jitpoggew fuq il-vettura Peugeot Partner gdida. L-imputat ghalhekk kien jaf ben tajjeb li dawn il-pjanci ma setghux jintuzaw fit-triq. Ghalkemm mill-provi rrizulta li din il-vettura hija registrata fuq persuna ohra u cioe' Abraham Bezzina u mhux fuq l-imputat irrizulta wkoll minghajr dubju li kien l-istess imputat li ordna li jitwahhlu dawn il-pjanci fuq il-vettura Peugeot Partner u li kien huwa l-persuna responsabbli minn dawn iz-zewg vetturi. L-imputazzjonijiet immarkati bhala tnejn (2), hamsa (5) u disa' (9) gew pruvati sal-grad rikjest mill-ligi u l-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati taghhom.

In kwantu jirrigwarda l-imputazzjoni mmarkata bhala sitta (6) il-Qorti setghat tikkonstata li ma ngabet ebda prova li kien l-imputat li halla li jkun hemm tibdil ta' pjanca fuq il-vettura jew li ma halliex lil xi hadd jiehu notament. Dan qieghed jinghad kemm minn dak li qal l-istess Emanuel Fenech meta xehed f' dawn il-proceduri li ma semma ebda vettura partikolari tal-ghamla Peugeot li biddel numri ta' registrazzjoni partikolari fuq vetturi ohrajn. Dan ukoll anki mill-istess xhieda tal-gwardjani lokali ma qalux li b' xi mod l-imputat ma halliex lilhom jaghmlu x-xoghol taghhom. Ghalkemm huwa fatt li l-vettura mwaqqfa mill-gwardjani lokali kellha numru ta' vettura ohra, izda ma ngiebet ebda prova fuq dan il-kaz li kien l-imputat ghalkemm responsabbli minn dawn il-vettura tal-kiri li kien hu li ordna li jitwahhlu numri ohrajn fuqha.

Illi l-imputazzjoni mmarkata bhala sebgha (7) tirreferi ghare0at kontemplat fl-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan ir-reat jikkontempla forma ta' falsita` ideologika. Fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Paul Galea moghtija fis-17 ta' Ottubru 1997 ntqal hekk dwar id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku:

> "Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideoloġiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-każ tal-falz materjali d-dokument jiġi ffalsifikat fl-essenza materjali tiegħu, fil-falz ideoloġiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe` fil-kontenut ideali tiegħu (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II (Giuffre`, Milano, 1986), p. 604). Fi kliem Manzini (Trattato, v. VI, n. 2296, p. 829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wieħed mhux ġenwin (jiġifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tiegħu), mentri fil-falz ideoloġiku, għalkemm id-dokument ikun ġenwin "non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero". Għall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita`

> ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli għal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta` (Antolisei, F., op. cit., p. 594). S'intendi, b'kitba wieħed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetiċi, iżda tinkludi dawk numeriċi, stenografiċi u anke kriptografiċi, basta li dik il-kitba tesprimi ħsieb li jkun jiftiehem minn kulħadd jew minn ċertu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkaniċi, b'mezz indelibbli jew li jista' jitħassar u fuq kwalsiasi mezz li jista jieħu, imqar temporaneament, il-messaġġ – karta, parċmina, injam, ġebel, ħadid, plastik, eċċ."

Fil-kaz in ezami ma jirrizultax li saret jew ntuzat xi falsita` f' dokument mahsub ghall-awtorita` pubblika. L-imputat ma kienx mitlub jaghmel dikjarazzjoni, stqarrija jew jaghti taghrif minn xi awtorita` pubblika. In-numri ta' registrazzjoni u pjanca b' numru differenti ma kienux "mahsuba ghal xi awtorita` pubblika". Konsegwentement l-imputat ma jistax jinstab hati tal-imputazzjoni mmarkata bhala seba' (7).

In kwantu jirrigwarda t-tmien imputazzjoni il-vettura tal-ghamla Peugeot li giet identifikata li kienet ta' lewn abjad kellha n-numru ta' registrazzjoni AQZ 758 fuqha u rrizulta li dan in-numru kien jappartjeni lill-vettura ohra. Id-dokument esebit a fol 6 juri li l-arrangjamenti li saru bejn il-kumpanija Green Motion u l-persuna li lilha nkriet il-vettura kienu li kellha tinkera vettura tal-ghamla Peugeot 107 ta' lewn blu. Ghal xi raguni l-pjanci ta' din l-ahhar vettura twahlu fuq vettura ohra. Illi mill-provi hareg li fil-fatt din il-vettura ma kelliex diska mwahhla tal-licenzja kif ukoll pjanca tan-numru tar-registrazzjoni ta' wara nieqsa. Illi l-imputat qal li ma kienx jaf li dawn kienu twahlu fuq vettura ohra u ma setax ikun jaf minhabba li diga kienet barra fit-triq. Mix-xhieda ta' Emanuel Fenech li huwa impjegat tal-imputat sabiex jahsel il-vetturi rrizulta li huwa gieli wahhal numri ta' registrazzjoni ta' vetturi fuq vetturi ohra izda huwa ma ndikax li kien l-imputat li qallu sabiex jaghmel hekk. Illi ghalkemm l-imputat huwa l-persuna

responsabbli minn dawn il-vetturi bla dubju ta' xejn l-imputat ma jistax jinstab hati talli huwa ppermetta li jsir dan it-tibdil ta' pjanci meta ma ngiebet ebda prova li kien hu li ordna t-tibdil. Illi ghalhekk din il-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni mmarkata bhala 8.

In kwantu jirrigwarda l-imputazzjoni mmarkata bhala ghaxra (10) il-Qorti jidrilha li lanqas hawn il-Prosekuzzjoni ma tista' titqies li rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi r-rejita'. Il-Prosekuzzjoni fil-fatt naqset milli tressaq bhala xhud lil Allessandro Beligni sabiex huwa jaghti spjegazzjoni dwar kif id-diska tal-licenzja tal-vettura ma kinitx imwahhla. L-anqas ma ngabet prova li kien fil-fatt l-imputat li ppermetta li tinkera din il-vettura minghajr diska mwahhla fuqha u ghalhekk isegwi li l-imputat l-anqas ma jista' jinstab hati tal-imputazzjoni mmarkata bhala ghaxra (10).

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 18 u 31 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 15(1A), 19 u 27 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet immarkati bhala wiehed (1), tnejn (2), hamsa (5) u disgha (9) u tikkundannah multa ta' elf Ewro (€1,000). Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet immarkati bhala tlieta (3), erbgha (4), sitta (6), sebgha (7), tmienja (8) u ghaxra (10) u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**MAGISTRAT**

**Graziella Abela**
**Deputat Registratur**